# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti ta' l-Ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5..30pm)*

## Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Chairperson |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |

## Skużat

## 1. Talba.

Is-Sur Francis Debono ppresjeda l-laqgħa kif jitlob l-Att tal-Kunsilli Lokali (1993) bħala l-aktar Kunsillier anzjan. Is-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv saqsa lill-Kunsillier Francis Debono jekk ma jaċċettax il-kariga ta' Sindku kif elenkat f'Artiklu 25(1) tal- Att dwar il-Kunsilli Lokali ( Kap 363 ) u dan skond ir-rizultat uffiċċjali maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali. Is-Sur Francis Debono aċċetta l-kariga ta' Sindku u ppreżenta l-ittra ta' l-aċċettazzjoni.

2.2 Il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Monica Vella tat il-ġurament tal-ħatra lis-Sindku s-Sur Francis Debono għall-Kunsill Lokali tal-Marsa.

2.3 Is-Sur Francis Debono rringrazzja lill-Kummissarju tal-Ġustizzja u kompla jippresiedi l-laqgħa bħala Sindku.

## 3. *Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa lill-Kunsillier Josef Azzopardi jekk ma jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku kif elenkat f'Artiklu 25(1) tal- Att dwar il-Kunsilli Lokali ( Kap 363 ) u skond ir-rizultat uffiċċjali maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali. Il-Kunsillier Josef Azzopardi aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u ppreżenta l-ittra ta' l-aċċettazzjoni.

3.2 Il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Monica Vella tat il-ġurament tal-ħatra lil Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi għall-Kunsill Lokali tal-Marsa

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta ta' filgħaxija (6.00pm) u wara qbil unanimu mill-Kunsilliera prezenti il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 3 ta' Ġunju 2015 fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv